MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Avviz Numru. 1661/2000/1

**Emanuel u Phyllis konjugi Azzopardi**

**Vs**

**Anthony u Agnes konjugi Bonnici**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jirrifondu lill-atturi s-somma ta' disa mitt lira Maltin (Lm900) rapprezentanti s-somma lill-konvenuti moghtija mill-atturi bhala sehemhom mll-usu ta' vettura, van Sierra, adebita ghan-negozju li l-kontendenti gestew flimkien u li issa ormai gie terminat. Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni, kif ukoll l-imghaxijet.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol 8 ibid) u li biha eccepew bir-rispett:

1. Illi priminarjament u minghajr pregudizzju ghal li gej, il-kontendenti kienu iffirmaw skrittura privata, fil-presenza tal-Avukat Gavin Gulia (Dok A), li permezz taghha il-konvenuti kienu effetwaw pagament ghas-saldu ta’ kull pretensjoni li l-atturi seta’ kellhom fil-konfront tal-konvenuti u dan fir-rigward tan-negozju li kien hemm bejniethom u ghaldaqstant, l-ebda ammont ma hu dovut lill-atturi mill-konvenuti.
2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzu ghal dak gia espost, jigi eccepit illi l-atturi qatt ma ghaddew is-somma indikata fl-avviz lill-konvenuti izda l-ammont inikat gie pacut ma’ ammont iehor dovut lill-konvenuti mill-atturi u dan kif ser jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-atturi permezz ta’ zewg ‘affidavits’ ( a fol 14 u fol 15 et seq ibid) u “viva voce’ in kontro esami a fol 51 u fol 61 et seq ibid) issottomettew illi fis-7 ta’ Ottubru 1999 l-istess atturi kienu xtraw nofs is-sehem ta’ negozju gja gestit mill-konvenuti u dan kif jidher mill-iskrittura pruvata ‘in atti a fol 15 et seq ibid u markat Dok EM1 skond l-attur, ma kienitx inkuza fl-istess ftehim il-vettura msemmija fl-avviz u appartenenti lill-konvenut, liema vettura kellha n-numru ta’ registrazzjoni GAD 489. Difatti, skond dejjem l-istess attur, peress li “jiena ma kontx niflah inhallas ta’ kollox f’daqqa”, kien gie miftiehem illi in-“nofs indiviz …. (ta’) sehemi mill-vettura nhallasha mill-qliegh tax-xoghol”. Dwar dan hu testwalment qal “… jiena u l-konvenut pprivatament ftehmna li l-prezz ta’ sehemi mill-vettura kellu jkun ta’ Lm900”. Sussegwentement wara “… bicca xoghol tajba li minnha kien hemm qliegh tajjeb”, il-konvenut “…. zamm minn jeddu Lm900 li kien il-prezz tas-sehem tieghu mill-vettura” (ara l-anness Dok EM2 a fol 23 ibid). Matul Lulju tas-sena 2000, il-partijiet iddeciedew li jxolju dan in-negozju u ghal dan il-ghan giet iffirmata

skrittura ohra bid-data tal-20 ta' Lulju 2000 (ara fol 9 u fol 27 ibid) u in rigward sehem l-atturi "… l-konvenut hallasni Lm544 a saldu". Pero l-attur jsosni li l-konvenut kien obligat li jhallas, ukoll, "ta' sehemi mill-vettura u cjoe Lm900". Dwar dan l-attur jsostni illi l-konvenut peress li l-istess vettura ma kienetx tifforma parti mill-iskrittura tas-7 ta' Ottubru 1999, meta l-atturi kienu akkwistaw nofs in-negozju in kwistjoni "… ma riedx li l-mod kif mhallas ta' sehemi mill-vettura jkun jifforma parti integrali mill-iskrittura ta' xoljiment …. tal-20 ta' Lulju 2000". Difatti l-attur jghid li l-konvenut sostna illi l-istess vettura "… kienet kwistjoni ta' bejnietna" u "… li kien sejjer jhallasni … meta jkun komdu" aktarx sa Ottubru 2000. Dwar l-istess punt, gie prodott mill-attur Dottor Gavin Gulia (fol 36 et seq ibid) li kien irrediga l-ftehim li permezz tieghu l-attur kien akkwista nofs in-negozju in kwistjoni. Dan, ukoll, semma illi l-attur u l-konvenut kienu ftehmu, dwar il-vettura in kwistjoni, illi l-attur kellu jhallas lill-konvenut "…. Is-somma ta' Lm900 …. billi tigi skontata mill-profitti tan-negozju", liema ftehim pero', kien sar verbalment "… u mhux integrat fil-ftehim bil-miktub a fol 18". Sussegwentement l-istess Avukat kien irrediga, ukoll, l-iskrittura ta' xoljiment tal-ftehim ta' shubija. Pero' avolja l-attur kien insista illi l-kwistjoni tal-vettura tigi, ukoll, inkorporata, fil-ftehim ta' xoljiment, l-konvenut kien irrifjuta "… li dan jitnizzel fl-iskrittura …".

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (permezz tal-"affidavit" a fol 43 et seq ibid u in kontro ezami a fol 47 et seq ibid) u in ri ezami a fol 64) jsostni illi kien minnu illi kien gie diskuss bejnu u l-attur, il-vettura in kwistjoni tkun soggetta ghal ftehim separat minn dak milhuq dwar ix-xoljiment tal-ishubija bejniethom. Difatti skond il-konvenut kellhom jigu diskussi punti ohra "… li kien ghad fadal bejnietna x'nirrangaw". Jidher pero' li dawn id-diskussjonijiet ma kellhomx ezitu finali peress li l-attur dejjem insista li jithallas is-somma pretiza fl-avviz.

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-provi, minn dawn jidher li:-

a) Hu minnu li l-partijiet inovluti f'din il-kawza kienu xoljew il-ftehim ta' shubija bejniethom permezz ta'skrittura ffirmata tal-20 ta' Lulju 2000 (fol 9 ibid) u li permezz ta' din l-iskrittura l-atturi kienu thallsu "a saldo" s-somma ta' Lm544, waqt li ddikjaraw li "… huma ma ghandhom ebda pretensjoni kontra xulxin".
b) Pero', hu minnu ukoll illi l-istess konvenut xehed illi bejnu u l-attur kien hemm diversi kwistjonijiet li baqghu pendenti fosthom dik tal-'van' in kwistjoni, dik ta' hlasijiet ta' xoghol "extra" li kien ghamel il-konvenut waqt l-ezistenza tal-ftehim in kwistjoni u dwar kreditur li allegatament kellu jithallas mill-istess attur oltre kull kwistjoni dwar id-deprezzament fil-valur tal-istess "van".
c) La darba <u>l-konvenut stess xehed li kien ghad hemm dawn il-pendenzi bejn il-partijiet</u>, il-Qorti ma' tarax illi tista' takkolji l-ewwel eccezzjoni sottomessa minnu fis-sens illi l-atturi di gja thallsu "a saldo" ta' kull pretensjoni li dawn seta' kellhom.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, in rigward it-tieni eccezzjoni , li hi dik ta' <u>tpacija</u>, din hi regolata mill-Kodici Civili b'mod specjali mill-artikolu 1197(1) u (2). Jigi notat illi sabiex din l-eccezzjoni tista' tigi akkolta, jrid jissussistu zewg debiti bl-ammont <u>likwidu u dovut</u> u sabiex debitu jista' jkun kunsiderat bhala likwidu, jekk jkun <u>cert</u> fil-kwantita' tieghu. F'dan il-kaz, hu minnu li l-konvenuti qed jippretendu xi hlasijiet minghand l-atturi. Pero' dawn, f'dan l-istadju ma jistghux jigu konsiderati bhala "<u>debitu likwidu u dovut</u>" skond kif trid il-ligi. Konsegwentement, din l-eccezzjoni, ukoll ma tistax tigi akkolta. Ta' minn jghid illi dan seta' jsir permezz ta' <u>kontro talba</u> maghmula "ad hoc" mill-istess konvenuti.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi fid-dawl ta' dak kollu premess, it-talba in esami ghandha tigi akkolta b'dan li l-konvenuti jistghu u ghandhom il-fakolta li jipproponu azzjoni "ad hoc" in konnessjoni ma' dak vantat minnhom minghand l-atturi.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jirrifondu lill-atturi s-somma ta’ Lm900 bl-imghaxijiet legali mill-4 ta’ Dicembru 2000 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju msemmi fl-avviz. B’riserva “si et quatenus” ghal kull dritt spettanti lill-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------